MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2005

Numru 249/2004

Il-Pulizija
(Sp Alfred Mallia)
vs
Joseph Caruana, iben Carmel,
imwieled Żebbuġ fid-29 ta'
april, 1959

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli ġewwa Bormla fil-perjodu ta' bejn is-26 ta' settembru, 1996 u il-5 ta' diċembru, 2002, b'diversi atti magħmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, bħala l-proprjetarju jew konsumatur u bħala l-persuna responsabbli għall-meter tal-elettriku tal-fond numru 32, Fuq Verdala, Bormla b'mezzi qarrieqa li bihom wieħed seta' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar tal-meter, tal-kwantita' meħuda jew ikkunsmata fil-fond hawn

fuq imsemmi, ikkometta serq ta’ dawl elettriku tal-valur ta’ Lm280.17,4 għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq hu kkwalifkat bil-mezz u bil-ħin;
2. talli fl-istess ċirkostanżi għamel ħsara volontarja fl-istess meter tad-dawl għad-dannu ta’ l-istess Korporazzjoni liema ħsara hija minima.
Il-Qorti ġiet mitluba li tapplika l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali għall-ħlas ta’ l-ispejjeż peritali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta’ novembru, 2005 fejn il-Qorti ġiet infurmata li
l-imputat ħallas dak kollu dovut lill-Korporazzjoni Enemalta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta’ novembru, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(f), 263, 264, 270, 278(1)(2) u 326(1)(f) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Fiċ-ċirkostanżi ta’ dan il-każ mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------